MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2006

Numru 889/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**Christopher Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christopher Schembri ta' 24 sena, bin Anthony u Jacqueline nee` Spiteri, imwieled Pieta` fit-3 ta' Lulju 1982, residenti fl-indirizz 57/201, Triq Sant'Elena, Sliema, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 362782M gie akkuzat talli:

Fis-26 ta' Lulju 2006, u fi zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li

jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda: b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm804 bi hsara tas-socjeta` Mobisle Communications Ltd., Lm89 bi hsara ta’ Elton Buhagiar.

Aktar taht l-istess cirkustanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda: ghamel falsifikazzjoni f’atti awtentici u pubblici, jew fi skritturi kummercjali, jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsin falz ta’ obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsin minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. CJF 1 u nnutat li l-imputat Christopher Schembri iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum Dr Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-imputat iddikjara li l-imputat qieghed jaqbel li l-ammonti dovuti minnu kif indikati fl-ewwel akkuza u li hu lest li jhallashom huma Lm804 in kwantu ghas-socjeta` Mobisle Communications Ltd. u Lm89 in kwantu ghal Elton Buhagiar.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 308 u 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Christopher Schembri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum Dr Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-imputat iddikjara li l-imputat qieghed jaqbel li l-ammonti dovuti minnu kif indikati fl-ewwel akkuza u li hu lest li jhallashom huma Lm804 in kwantu ghas-socjeta` Mobisle Communications Ltd. u Lm89 in kwantu ghal Elton Buhagiar u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija tikkundanna lill-imputat Christopher Schembri ghall-piena komplessiva ta’ sentejn prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin mil-lum l-imputat Christopher Schembri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qieghda tobbliga lill-imputat Chirstopher Schembri li jhallas lill-Mobisle Communications Ltd. l-ammont ta’ tmin mija u erba’ Liri Maltin (Lm804) u jhallas lil Elton Buhagiar l-ammont ta’ disgha u tmenin Liri Maltin (Lm89) u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Christopher Schembri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4)

tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28H(7) ukoll tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------